# Kif nibni l-Pjan ta’ Ħidma għal-lezzjonijiet tal-Malti?



# Minn fejn se nibda?

Ladarba tidentifika liema huma l-kisbiet li l-istudenti jridu jilħqu sa tmiem il-lezzjoni u se tibda tippjana, jeħtieġ li ssaqsi mistoqsijiet bħal:

- Kemm se jkolli bżonn lezzjonijiet biex nilħaqhom dawn il-kisbiet?
- Se nagħmilhom fuq l-istess ġimgħa jew se nifrixhom fuq ġimagħtejn?
- X'attivitajiet se noħloq sabiex jintlaħqu dawn il-ħiliet? (passi tal-lezzjoni)
- X'varjazzjonijiet nista' nagħmel fl-attivitajiet tat-tagħlim sabiex nilħaq lil studenti li jitgħallmu b'mod differenti?
- Dawn l-attivitajiet x'se jkun fihom sabiex lili jgħinuni nassessja jekk l-istudent hux qed jikseb il-ħila jew le?
- Kif nista' nżomm rekord ta' x'qiegħed jitgħallem l-istudent, laħaqx il-ħila jew le?

# X’għandek iżżomm f’moħħok ...



# Xi jrid ikun fih il-Pjan ta' Ħidma?

1. IL-KISBA SĦIĦA / PARTI MILL-KISBA
2. X'attivitajiet se tagħmel biex TGĦALLEM?
3. X'attivitajiet se tagħmel biex TASSESSJA x'tgħallmu l-istudenti waqt il-lezzjoni?
4. IR-RIŻORSI
5. L-ASSESSJAR KONTINWU

# Mudell A

IL-PJAN TA' ĦIDMA - SENA SKOLASTIKA 2018-2019 KULLEĠĠ________________ SKOLA ________________ IS-SUR/IS-SA ____________________

| IT-TIENI ĠIMGĦA | | IL-ĦILA/ĦILIET | IL-KISBA MIT-TAGĦLIM | L-ATTIVITAJIET GĦAT-TAGĦLIM | IR-RIŻORSI | L-ASSESSJAR KONTINWU |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | LEZZJONI 1 | | | | | |
| Mill-1-sal-5 t'Ottubru | | | | L-ATTIVITAJIET GĦALL-ASSESSJAR | | |
| | | | | | | |
| | LEZZJONI 2 | | | | | |
| (IT-TEMA) | | | | L-ATTIVITAJIET GĦALL-ASSESSJAR | | |
| | | | | | | |
| | LEZZJONI 3 | | | | | |
| | | | | L-ATTIVITAJIET GĦALL-ASSESSJAR | | |
| | | | | | | |

**Mudell B**

# Il-Pjan ta’ Ħidma

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Ewwel Ġimgħa | Id-data | Minn: | sa: | | |
| 1. IL-KISBA SĦIĦA / PARTI MILL-KISBA | QARI | KITBA | TAĦDIT | SMIGĦ | L-ASSESSJAR KONTINWU |
| | **2. X’attivitajiet se tagħmel biex TGĦALLEM?**<br>a.<br>b.<br>ċ.<br>**3. X’attivitajiet se tagħmel biex TASSESSJA x’tgħallmu l-istudenti waqt il-lezzjoni?**<br>a.<br>b.<br>ċ.<br>**4. Ir-Riżorsi** | | | | **5.** Meta jkun il-każ. |

| L-Ewwel Ġimgħa | Id-data | Minn: sa: | |
|---|---|---|---|
| **1. IL-KISBA SĦIĦA / PARTI MILL-KISBA** | **IL-KITBA** | | **L-ASSESSJAR KONTINWU** |
| **Kitba nru 3 -** Nikteb kepxins konċiżi għal ritratti jew stampi ta' ġrajjiet u avvenimenti mix-xena mużikali, sportiva, kulturali u ċinematografika, u l-bqija. | **2. X'attivitajiet se tagħmel biex TGĦALLEM?**<br><br>a. Wiri ta' mudelli ta' kepxins.<br>b. Analiżi tal-istruttura/karatteristiċi tal-kepxins.<br>ċ. Stampi fi gruppi skont temi u jinkitbu kepxins.<br>d. Vot għall-aktar wieħed effettiv u għaliex.<br><br>**3. X'attivitajiet se tagħmel biex TASSESSJA x'tgħallmu l-istudenti waqt il-lezzjoni?**<br><br>a. Xogħol għad-dar - karta tat-taħriġ u jiktbu kepxins.<br><br>**4. Ir-Riżorsi**<br><br>Stampi, mudelli ta' kepxins, bord interattiv, marker, u karti tat-taħriġ. | | **5.** Meta jkun il-każ. |

| It-Tieni Ġimgħa | Id-data | Minn: sa: | |
|---|---|---|---|
| **1. IL-KISBA SĦIĦA / PARTI MILL-KISBA** | **IT-TAĦDIT** | **IS-SMIGĦ** | **L-ASSESSJAR KONTINWU** |
| **Taħdit nru 1** - Nitkellem b'mod mexxej u espressjoni idjomatika tajba, ħeffa naturali f'kull kuntest li fih nitkellem.<br><br>**Smigħ nru 1** - Nifhem u nwieġeb għamliet differenti ta' mistoqsijiet li jsiruli fuq firxa ta' suġġetti, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti.<br><br>**Smigħ nru 5** - Insegwi u nifhem riklami filwaqt li nislet u nimmemorizza dettalji importanti minnhom. | **2. X'attivitajiet se tagħmel biex TGĦALLEM?**<br><br>a. stampa ta' bejjiegħ tat-triq fl-imgħoddi / L-Għajta nofs il-Bejgħ / il-monti eċċ. għad-diskussjoni u mistoqsijiet għal din l-attività.<br>b. żewġ/tliet reklami biex jaraw id-differenza u jiddiskutu l-mistoqsijiet ippreparati.<br>ċ. Jinstemgħu t-tieni darba biex jieħdu d-dettalji importanti.<br>d. Jissemma' r-reklam u jwieġbu l-mistoqsijiet.<br><br>**3. X'attivitajiet se tagħmel biex TASSESSJA x'tgħallmu l-istudenti waqt il-lezzjoni?**<br><br>a. Il-karta tat-taħriġ innifisha<br>b. Jiddiskutu u jippreżentaw fi gruppi r-reklami fi kliemhom.<br><br>**4. Ir-Riżorsi**<br><br>Il-bord interattiv, reklami differenti, filmati, marker, u karti tat-taħriġ għas-smigħ | | **5.** Meta jkun il-każ. |

# Mudell Ċ

| Dati Ġimgħa :1 | Ħila | Kisba | Attività | Riżorsi | Assessjar biex ngħallem | Assessjar Kontinwu |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Lezzjoni 1 | Qari →<br><br>Metalingwa<br><br>Kitba → | **K5**: Nagħraf li **f'istruzzjonijiet,** direzzjonijiet, preskrizzjonijiet u l-bqija, il-kittieba **jinqdew bl-imperattiv** u bi kliem li juri direzzjonijiet, fosthom l-avverbji, bħal ngħidu aħna, f'testi bħal **riċetti....**<br><br>Naf kif nagħmel **l-imperattiv** meta jsir fuq 2 verbi jew aktar, inklużi l-verbi barranin bħal erġa' pprova, oħroġ ilgħab, aqbad u itlaq iġri issa<br><br>**K2** :Inqassam il-kitba tiegħi f'paragrafi ta' qisien **differenti skont it-tifsila mitluba mill-ġeneru** … | Nagħti eżempji ta' struzzjonijiet inkluż riċetti sabiex l-istudenti jaqrawhom u fi grupp jaslu biex jinnotaw x'hemm komuni bejniethom u jgħidu li huma struzzjonijiet bl-użu tal-Imperattiv.<br><br>Jinħarġu eżempji mill-istruzzjonijiet u ssir l-ispjega mill-għalliem.<br><br>L-għalliem juri kif l-istruzzjonijiet ikunu aktar ċari f'forma ta' punti kif jidhru fl-eż mogħtija fil-bidu tal-lezzjoni. L-istudenti jiktbu struzzjonijiet huma fuq titli mogħtija mill-għalliem. | Għadd ta' eżempji ta' struzzjonijiet.<br><br>Taħriġ fuq il-bord interattiv.<br><br>Titli għall-kitba ta' struzzjonijiet u karta tat-taħriġ ta' gwida | Il-kitba tinbeda fil-klassi u titkompla d-dar. Meta tinġabar u tiġi kkoreġuta jkun qed issir assessjar għat-tagħlim ta' dawn it-tliet kisbiet. | |
| Lezzjoni 2 | | | | | | |
| | | | | | | |

# Kif se nagħmel il-Forecast

# u r-Rekord tax-xogħol?



Isem l-għalliem/a: ________________________ Kulleġġ u Skola: _____________________________ Sena Skolastika: __________________________

# Il-Forecast u r-Rekord tax-Xogħol

| L-Ewwel Ġimgħa | | | |
|---|---|---|---|
| **1. Data tal-lezzjoni** | **2. X'se jsir fil-klassi** | **3. X'sar fil-klassi** | **4. Xogħol għad-dar** |
| **1 t'Ottubru 2018** | Qari - Poeżija 1 | Saret analiżi tat-tema, u l-effetti li jħallu l-figuri tad-diskors fiha. | Karta tat-taħriġ |
| **2 t'Ottubru 2018** | Kitba - Kepxin | Saret analiżi tal-istruttura tal-kepxins, u ktibna mudelli differenti ta' dan il-ġeneru. | Kitba ta' kepxin fuq l-ambjent naturali |
| **3 t'Ottubru 2018** | Taħdit u Smigħ | Sar eżerċizzju ta' fehim mis-smigħ dwar is-suq Malti. | Xejn |
| **4 t'Ottubru 2018** | Qari - Novella 3 | Wasalna sa paġna 56. | L-istudenti jkomplu jaqrawha d-dar. |
| **5 t'Ottubru 2018** | Kitba u Metalingwa (Punteġġjatura) | Ġew diskussi u analizzati f'kuntest l-ittri kapitali u l-punt. | Eżerċizzji f'kuntest tal-punteġġjatura. |

# Aktar eżempji mill-iskejjel ...





# Tmiem

L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti